B 2235

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,961, 18 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 293 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Sustainable Building Design – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Sustainable Building Design – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Sustainable Building Design – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni, ippubblikati bħala Avviż Legali 352 tal-2017, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2022 'il quddiem.

It-Tħassir tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

3. L-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 8 sa 12 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinamenti 8 sa 12 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 7 sa 11.